KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 59**

**It-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier (*online)* |
| Is-Sur | Simon Buttiegieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

*Qabel ma' bdiet din is-seduta, sar il-ġurament tal-ħatra tas-Sur Simon Buttiġieġ li ġie elett bħala Kunsillier f'isem il-Partit Laburista fl-elezzjoni każwali wara l-mewt tal-Kunsillier, is-Sur Joseph Baldacchino, fil-jiem li għaddew.*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Jordy Brincat, fetaħ din is-seduta u billi ntroduċa lill-Kunsillier Simon Buttieġieġ, waqt li s-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera preżenti ferħulu, u awgurawlu għall-kariga l-ġdida tiegħu bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

Is-Sindku Scott Camilleri, sellem il-memorja tal-Kunsillier Joseph Baldacchino li ħalla din id-dinja fil-jiem li għaddew. Hu faħħar ix-xogħol siewi tiegħu għaz-żmien twil li għamel fil-Kunsill Lokali, u talab għal minuta ta' silenzju.

## 59.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**59.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**59.01.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**59.01.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar il-Kunsillier Carlo Stivala ma rċivejna xejn u allura jekk wara 30 minuta li tkun bdiet is-seduta ma jidħolx, jiġi mniżżel bħala assenti.

## 59.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 58)

**59.02.01** Ma kienx hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 58.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u ssekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, l-minuti ġew approvati unnanimament.

## 59.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 58)

**59.03.01** Ma kienx hemm *arising* mill-minuti.

## 59.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**59.04.01** *Frames għat-tabelli tal-Merħba Birzebbuga:* Kien hemm talba għall-kwotazzjoni ta' dawn il-*frames* għall-prezz ta' €1,230. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**59.04.02** *Programm tal-Karnival*: Kien hemm talba għall-kwotazzjoni ta' din l-attività għall-prezz ta' €1,398.30. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**59.04.03** *Ceramic toilet accessories għas-Sala t'isfel*: Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €969.

**59.04.04** <u>*Toilet plumbing għas-Sala t'isfel*</u>: Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) għall-prezz ta' €326.24.

**59.04.05** <u>*Toilets gypsum għas-Sala t'isfel*</u>: Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (B) għall-prezz ta' €366.98.

**59.04.06** <u>*Laptop ġdid għas-Segretarju Eżekuttiv*</u>: Hawn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li meta l-*accountant* tiġi tagħmel xi xogħol ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill, waħda mill-Assistenti Principali jkolla itiha l-*laptop* tagħha biex taħdem fuqu. Għalhekk hu se jkun qed jagħti l-laptop li juża hu sabiex tagħmel użu minnhu l-*accountant* biex ix-xogħol jibqa' għaddej u jinxtara wieħed ġdid għal użu tas-Segretarju Eżekuttiv. Wkoll persuna teknika se tkun qed tieħu ħsieb tinstalla l-applikazzjonijiet u l-programmi li jintużaw fuq dawn il-*laptops* għal prezz ta' €50 fis-siegħa. Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (C) għall-prezz ta' €949.

**59.04.07** <u>*Trasport għall-ħarġa ta' Jum San Valentino*</u>: Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għall-prezz ta' €129.80.

## 59.05 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

<u>*Skeda ta' Pagamenti*</u>

**59.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri spjega diversi punti dwar din l-iskeda. F'din l-iskeda ta' pagamenti hemm l-ammont ta' ħlasijiet li ħarġu lill-Parroċċa ta' Birżebbuġa u ż-żewġ għaqdiet tal-baned tal-lokal. Il-Kunsill Lokali inkluda lil dawn l-organizazzjonijiet fl-organizazzjoni ta' Milied fil-Pjazza. Dawn il-fondi se jkunu qed jiġu *refunded* mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**59.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li d-*deejay* li ġie waqt l-attività Rigal b'Imħabba ma kienx ser jitħallas. Però dan għamel ħin twil magħna u għalhekk sar qbil li għandna nħallsuħ tax-xogħol tiegħu.

**59.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dwar punt 16, fejn il-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* Chris Bezzina ġie mħallas ta' *tipping fees* ta' xogħolijiet li għamel.

**59.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri spega li dwar punt 62, żdied l-ammont li tħallas lil Intercomp, minħabba l-ammont ta' 5,000 *photocopies* li saru iżjed mis-soltu minħabba l-flyers li tqassmu marbuta mal-iskema l-ġdida ta' ġbir ta' l-iskart. Dan peress li l-Kunsill ma jħallasx għall-kera tal-*photocopiers*, imma jħallas ta' *photocopies* li jsiru.

**59.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri spjega li dwar punt 71, li dovuti lin-Nexos għall-proġett tad-dawl dekorattiv f'Misraħ Pietru Pawl Saydon. Dan huwa parti mill-ħlasijiet li għandhom jitħalsu. Hu żied jgħid li l-istess sar f'punt 72 imma f'Misraħ San Ġorġ Preca.

**59.05.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar punt 1, jekk inbidlitx il-persuna. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li l-persuna kien informa lill-Kunsilliera li nbidlet madwar tlett seduti ilu.

**59.05.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar punt 11, x'jikonsisti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn kienu l-flus tal-polza tal-assigurazzjoni li titħallas lill-AKL kull sena.

*Petty Cash:*

**59.05.08** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash*.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u ssekondat mill-Kunsilliera Doriana Portelli, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 59.06 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**59.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-impjanat tal-ipproċessar tal-ħut fejn fakkar li l-għada ser issir laqgħa mal-Ministru Onor.Miriam Dalli ġewwa l-Ministeru tagħha. Hu semma li flimkien mal-Kunsilliera Alex Caruana u Joseph Farrugia kellhom laqgħa mar-rappreżentanti tal-WSC, fejn ser ikunu qed jagħmlu 4,000 kubu ta' pajpijiet ġodda tad-drenaġġ biex jiġi *upgraded* dak li hemm ġewwa Triq iż-Żibra għal Triq San Patrizju. Din tkun tiflaħ għall-*flow* li ġejja minn Tal-Papa u l-akwati ta' Ħal Far. Hu semma wkoll li talbu li minn Triq iż-Zurrieq, id-dranaġġ jiġi connected ma dak tan-naħa tal-Pjazza tal-Knisja biex b'hekk jinqasam fuq żewġ rottot u li fejn jinqalgħu it-toroq isir *resurfacing*.

**59.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar ukoll li fl-istess ġurnata ser ikun hemm laqgħa oħra fl-istess Ministeru fuq il-*Project Green* li hi din l-entita' governattiva ġdida ser tikkontrolla investiment ta' €700,000,000 fiż-żoni lokali fejn ser naraw x'ser ikunu qed jipproponu.

**59.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li tkellem mal-Freeport fejn b'mod imminenti beda ix-xogħol tal-proġett marbut *shore-to-ship*. Il-Kunsillier Alex Caruana talab li jiġu provduti bil-pjanti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ntalab biex huma jinstallaw 3 *boards* ta' informazzjoni fuq dan il-proġett. Ġew issuġġeriti ħames postijiet: biswit il-*Freeport Car Park* ta' Wied il-Buni, fejn is-*Sailing Club*, f'Misraħ is-*Summit*, fejn l-*Alfresco Resaurant,* u fil-Pjazza tal-Knisja. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jipprovdu filmat żgħir ta' madwar tlett minuti fuq l-andament tax-xogħol.

## 59.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**59.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjonijiet.

## 59.08 Korrispondenza

**59.08.01** Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

## **59.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv**

**59.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li seduti ilu l-Kunsill qabel unanimament li jinħarġu żewġ sejħiet għall-vakanza t'Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13. Dawn is-sejħiet kienu, waħda interna u oħra esterna sabiex jimtela l-post vakant ta' wieħed mill-iskrivani li wasal għall-età tal-irtirar. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, iżjed kmieni din is-sena emendati r-rekwiżiti għal dawn ingaġġi, hu ħareġ sejħa interna u l-iskrivan fi skala 15 applika mill-ġdid. Wara li ra d-dokumenti oriġinali annessi mac-CV tiegħu nstab li hu eleġibli għal dan il-grad. Il-Kunsilliera preżenti approvaw li s-Sur Christian Mifsud jinħatar bħala Uffiċjal Eżekuttiv. Dwar is-sejħa l-oħra għall-Uffiċjal Eżekuttiv applikaw sitt persuni, u li minnhom tnejn biss huma eleġibli. L-intervisti ser issiru fil-jiem li ġejjin.

**59.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar is-sejħa *(Call for Quotation)* għal *Environmental Officer* fejn saret talba għal kwotazzjonijiet u fejn applikaw erbgħa. Hu talab biex jiġi maħtur bord tal-għażla għal *Environmental Officer* u d-data ta' meta ser isir l-evalwazzjoni. Ġie deċiż li l-membri tal-*bord* ikunu: Scott Camilleri, Alex Caruana, Doriana Portelli, Johann Borg u Simon Buttigieg flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal ukoll li nħarġet is-sejħa għal *part time Contracts Manager* fi Skala 13 wara li ġibna l-approvazzjoni tad-DLG u li s'issa għadu ma applika ħadd.

**59.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li tlett tenders ġew awarded fis-seduta preċedenti, baqgħa li jiffirmawhom. Hu previst li jibdew kollha f'daqqa mill-1 ta' Frar 2023.

**59.09.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-ġimgħa ta' qabel hu u flimkien mal-iskrivan is-Sur Michael Farrugia iltaqgħu ma' *turnkey contractor* rigward ir-*refurbishment* tal-*boardroom*, il-kuridur tat-tieni sular u d-daħla tal-Kunsill fil-pjan ta' isfel. Dan sabiex nibdew niġbru xi ideat tax-xogħol li hemm bżonn isir. Din għada fil-fażi inizjali u għad ma hemm xejn konkluż jew stimi ta' prezzijiet.

## **59.10 *Performance Bonus Appraisal* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati**

**59.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem b'mod individwali ma' kull impjegat dwar l-impenn u d-dedikazzjoni li urew matul is-sena li għaddiet. Wara li min-naħa tiegħu evalwa x-xogħol u l-*performanc*e tagħhom ilkoll, qed jissuġerixxi li l-impjegati kollha jingħataw il-massimu dovut, dak ta' 6%. Wkoll qed jissuġerixxi li bħal ma sar fis-snin passati, il-forman jingħata €450.

*Hawn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħalla l-kamra sabiex il-Kunsilliera jiddiskutu dawn il-proposti u l-ħsibijiet tagħhom, u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv. Wara ftit minuti hu ntalab jerġa jidħol lura.*

Is-Sindku Scott Camilleri nforma lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv li:

- L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jingħata l-massimu tal-10%.
- L-impjegati kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 6%.
- Il-foreman jingħata s-somma ta' €450.00, bħas-snin ta' qabel.

**59.10.02** Il-Kunsilliera kollha preżent qablu ma' dawn l-ammonti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat f'isem il-ħaddiema wkoll irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera li dejjem japprezzaw ix-xogħol li jagħmlu.

## 59.11 Quarterly Report (Jannar – Diċembru 2022)

**59.11.01** L-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat *online* sabiex tagħti spjegazzjoni dwar il-4*th Quarterly Report* tas-sena 2022.

*Income:*

| | |
|---|---|
| Dħul mill-Gvern Ċentrali: | €969,274 |
| Dħul mill-permessi: | €34,920 |
| 10% *administration fee* tal-LESA: | €4,424 |
| Dħul ieħor: | €119 |

*Expenditure:*

| | |
|---|---|
| Pagi u Onorarji | €234,568 |
| Infieq għal operazzjoni u manutenzjoni | €542,738 |
| Spejjeż Amministrattivi | €62,939 |
| Spejjeż Kapitali | €169,125 |
| *Grants* | €17,500 |

L-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa ta' 104%.

Il-Quarterly Report li jkopri bejn Jannar u Diċembru 2022, ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 59.12 Laqgħa Annwali (Estimi Finanzjarji 2023)

**59.12.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab sabiex tiġi deċiża d-data għall-Laqgħa Annwali dwar l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2023 fis-18:00h, ġewwa l-*boardroom* tal-Kunsill Lokali.

## 59.13 *Draft Leasing Agreement – Malta Freeport Corporation Multi Storey Car Park*

**59.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem fuq id-*draft leasing agreement* mal-Malta Freeport Corporation (MFC) u dwar iż-żewg sulari li għandhom jiġu mikrija lill-Kunsill Lokali, u fejn kien hemm punti li kellhom jiġu riveduti. Fil-laqgħa li saret, kien hemm preżenti l-Avukat Legali tal-Kunsill Dr.Victor Bugeja fejn talab li jiġi ċċarat it-tip ta' kirja, jekk hux lill-Kunsill, hux b'konċessjoni jew ċens u għal kemm ammont ta' żmien se jkun. L-Avukat Bugeja fassal l-ittra bil-punti li l-Kunsill Lokali xtaq li jiġu ndirizzati bħala kontra proposti. Hu qara din l-ittra, fejn fost oħrajn jindirizza l-ammont u tul taż-żmien taċ-ċens, dwar il-kmamar f'dawn iż-żewġ sulari għandhom ikunu assenjati lil-Kunsill, u kompla jgħid li peress li jridu MoU, m'hemmx assigurazzjoni li fiż-żmien miftihem mhux possibli

li jittieħed lura u għaldaqstant jrid isir jew devoluzzjoni li l-MFC m'aċċetawx, jew inkella b'ċens. L-Avukat Bugeja issuġġerixxa li jkun hemm ħlas ta' ċens ta' €10 fis-sena li titħallas lil *Lands Authority* u ċens ta' €40 wara erbgħin sena. Is-Sindku qal li skond il-liġi tal-Gvern Lokali, meta ftehim jaqbeż l-ammont ta' nofs miljun euro (€500,000), ma jistax jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, imma jrid jiġi ffirmat mill-Ministru għall-Gvern Lokali jew is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali flimkien mad-Direttur Ġenerali tal-istess Gvern Lokali. Hu żied jgħid li qed tiġi kkordinata laqgħa mal-Avukat tad-Diviżjoni Dr. Mariella Silvio, sabiex naraw li nkunu konformi mal-istess Diviżjoni fuq dan il-ftehim.

**59.13.02** Il-Kunsillier Alex Caruana irrimarka li hu ma jaqbilx li mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-5:00pm, l-MFC għandhom id-dritt għal 44 parkeġġ fis-sulari tagħna. Matul iż-żmien tax-xitwa mhux daqshekk problema imma fis-sajf minħabba li l-lokal tkun frekwentata minn ħafna nies ser jinħoloq nuqqas ta' spazju u barra minn hekk, din il-binja tal-parkeġġ. Barra minn hekk, din ser tinbena mill-flus li suppost kienu allokati lil-Kunsill Lokali. Hu kompla jgħid li l-ftehim li qed jipropponu mhux ċar u jista jkun li jkunu tidher li ser jagħtuna xi ħaġa tajba għal-lokal u li wara insibu li minflok hemm xi ħaġa oħra li tmur oltre'. Ħaġa oħra li hu semma, hi li ma hemmx miktub li fil-futur jistgħu jinbnew aktar sulari u li m'ingħatatx garanzija li l-istruttura se tkun b'saħħita biżżejjed li jinbnew aktar sulari. Fl-aħħar semma li jekk iridu nagħmlu panelli solari fuq il-bejt, irridu nġibu bil-ilpermess tal-MFC.

**59.13.03** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa fil-laqgħa li ser issir mal-Avukat tad-Diviżjoni, jitresqu l-punti kollha li naħsbu li għandhom jinbidlu f'dan il-ftehim. Hu talab lil Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat biex jibgħat talba lil Dr.Mariella Silvio biex issir laqgħa kemm jista jkun malajr magħha flimkien mad-Direttur Ġenerali.

## 59.14 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizi

**59.14.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar l-*email* li kienet bagħtet rigward Wied Żenbaq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien hemm biss *planning application* għall-arrangamenti ta' ħitan u passaġġi.

**59.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li f'seduta preċidenti kienet tkellmet dwar talba għal *communial parking* fi Triq San Pawl. Il-Kunsillier Alex Caruana qalilha li kien ser jiċċekja fuqha.

**59.14.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet il-problema dwar Triq in-Noqra. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm soluzzjoni fejn jista' jsir proġett żgħir li r-ramel li qed jagħmel il-ħama ma jkomplix jinżel fit-triq, imma mbagħad fejn ser jaqa' jrid jitnaddaf.

**59.14.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li ġiet avviċinata minn residenti viċin ta' ħanut f'Misraħ ir-Repubblika fejn jipparkjaw trakkijiet biex iħottu x-xogħol. Hi staqsiet jekk hux possibli li jsir *loading/unloading parking bay*. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qallu li tista' isir quddiemu stess imma jrid japplika għaliha.

**59.14.05** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien hemm xi residenti li ġibdulu l-attenzjoni li fil-Pjazza tal-Knisja hemm tlett *loading/unloading parking bays* viċin xulxin u b'ħinijiet twal wisq.

**59.14.06** Il-Kunsillier Alex Caruana fakkar lis-Sindku Scott Camilleri dwar it-*traffic diversion* il-ġdida n-naħa ta' Triq San Ġwann. Hu kien bagħta lil Transport Malta għal approvazzjoni madwar gimgħtejn ilu, però ma rċieva l-ebda risposta.

**59.14.07** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lil-Kunsillier Alex Caruana jekk kienx hemm xi żviluppi dwar Triq ir-Raddiena fejn hemm il-ħarruba. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li ilu diversi ġimgħat jgħid lil kuntrattur id-Dimbros biex iwaħħal l-*istreet humps* u talab biex jingħata *deadline* ta' meta għandu jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex ikellem lil-Avukat Victor Bugeja ħalli jibagħtlu ittra legali li jekk ma jibdiex ix-xogħol sal-aħħar tal-gimgħa d-dieħla, jiġi ċċarġjat tal-ispejjeż. Jitqabbad kuntrattur privat ieħor u r-rata żejda li ser ikun hemm tintefa' fuq il-kont tad-Dimbros. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li it-Triq tal-Ġebel ser tiġi *one way* kif suppost u t-traffiku l-isfel jgħaddi minn Triq ir-Raddiena. Hu żied jgħid li tkellem ma wieħed mil-Periti tal-*istorm water* u issuġġerielu li kif isir dik il-kisra, it-triq tinqeleb biex parti mill-ilma ta' Triq tal-Ġebel jeqleb bejn Triq ir-Raddiena u jitnaqqas l-ilma fi Triq tal-Ġebel. Is-Sindku Scott Camilleri talbu biex jara x'mezzi jista' juża sabiex ifittex ineħħi u jinbenda ħajt ġdid u jsir il-konkos.

**59.14.08** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem draw Triq il-Fossili, fejn Transport Malta jridu li titneħħa *parking bay* biex ikunu jistgħu jduru il-karozzi tal-linja. Hu żied jgħid li l-Kunsill kien talab biex titneħħa parti mill-bankina biex ikunu jistgħu jduru tal-linja imma għad m'hemmx *clearance* minn Transport Malta.

**59.14.09** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar id-dawl tal-Ġnien ta' San Ġorġ fejn issuġġerixxa li erba' fanali dekorattivi jeħlu biss in-naħa tal-ġnien u dawk il-*flood lights* ta' mal-bini jitħallew hemm u skond is-Sur Joe Borg tan-Nexos jiġu jiswew madwar €3,500. Is-Sindku Scott Camilleri qallu biex imexxi hekk, għax jistgħu jitħalsu mil-fondi tal-proġett tal-ġnien u qallu biex ikellem lil Perit Luke Portelli biex jiġu jdaħala fil-pjanta.

**59.14.10** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa dwar jekk hemmx lok għal fanal dekorattiv fil-pjazza ta' Bengħajsa wara li ra lment fuq il-mezzi soċjali, minħabba li hemm żona mudlama. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġbu li hu mar fuq il-post mas-Sur Joe Borg tan-Nexos filgħaxija u ġie deċiż li titwaħħal bozza bajda fil-kantuniera biex iddawwal dik iż-żona.

**59.14.11** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-problemi li hemm fid-dawl tal-Bajja s-Sabiħa. Għalissa l-kuntrattur tad-dawl mhux f'posizzjoni li jagħti stima għax trid tibda x-xogħlijiet biex tkun taf x'ser issib. Il-Kuntrattur issuġġerixxa li l-ewwel jinqalgħu il-fanali minn fejn *Angolina Restaurant* sa ħdejn il-*gazebos*, u sa kemm il-fanali jiġu irranġati, jinżebgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, jitpoġġa *container* fejn ikun jistgħu jinżammu fih il-fanali u fl-istess ħin il-kuntrattur ikun jista' jibdel il-*wire.* Dan dejjem li l-pajpijiet tal-*conduit* ikunu għadhom tajbin u li jkun jista' jgħaddi l-wire. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk hux possibli li tiġi provduta stima sal-aħħar ta' Jannar għal fini tal-*budget*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-istima fil-budget tal-proġett tad-dawl tal-Bajja s-Sabiħa għanda tkun ta' €100,000. Il-Kunsill qabel b'mod unnanimu li jsir it-tibdil

neċessarju fis-sistema tad-dawl tal-Bajja s-Sabiħa fejn qed jintalab li l-kuntrattur tad-dawl jibda ix-xogħolijiet neċesarji kemm jista' ikun malajr. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jitpoġġew *flood lights* biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' dawl meta jkunu qed jinqalaw l-arbli. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm pjanat li jkun hemm RCBO għal kull ħaġa biex jekk ikun hemm ħsara, ma jintefiex kollox.

**59.14.12** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li rigward il-fanali tal-*promenade*, il-ħaddiema tal-*Public Works* ser jaħdmu żewġ forom għall-pedestali tal-fanali biex jibdew jinbidlu żewġ pedestalli kull darba u ir-*railings* imorru għal *blasting* u *galvanising*.

## 59.15 Proġetti u Skemi

**59.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri avża li dwar l-iskema tal-*playing fields.* Il-Ħamis li ġej mistieden *press conference* mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dwar il-fondi li ingħata l-Kunsill u fejn kellu laqgħa dwar dawn il-fondi. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil intervjeniet fejn qalet li minħabba li din il-materja taqa' taħt id-dekasteru tagħha, hi kellha tiġi informata. Is-Sindku Scott Camilleri skuża ruħu minħabba li din qabżet min-naħa tiegħu peress li ġie mistieden għall-laqgħa u b'disvista ma nfurmahiex. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li meta marret fuq il-post, il-ħaddiema qalulha li ma jafu xejn dwar it-toqob fejn ser isiru l-strutturi tal-*percussion*. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li l-ħaddiema ma jkunux jafu eżatt x'ser issir, però din it-talba diġa ġiet aċċettata mid-Direttur Ġenerali tal-Public Works. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li issa l-ħsieb inbidel u li mhux ser isiru hemm. Is-Sindku Scott Camilleri qal li nbagħtu l-*ispecifications* tal-*ismart playing fields* biex tiġi iffrankata t-*tender* u li qed tiġi finalizzata. Hu tkellem dwar l-*ispecification* biex joħorġu għat-tender tal-*playing fields*, u li wara laqgħa li kellu hu u s-Segretarju Eżekuttiv mal-Kuntrattur tal-*playing fields* minħabba li dan kellu ċerti mistoqsijiet dwar il-kuntratt fejn fosthom kien hemm li l-prezzijiet tal-affarijiet kienu ser ivarjaw u għaldaqstant qed jaraw kif jistgħu japplikaw proċedura, li jekk ser ikun hemm xi varjazzjoni fil-prezzijiet, kull sena ser issir talba biex tkun aġġustata b'referenza mal-prezzijiet ta' barra. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jekk ser toħroġ *tender*, din għandu joħroġa r-Reġjun u mhux mill-Kunsill.

**59.15.02** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-bandla mkisra u is-*soft flooring* mbewwaq fil-*playing field* tal-Bajja s-Sabiħa u is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li qed jistenna li jingħalaq it-*tender* biex is-*soft flooring* jinbidel kollu.

## 59.16 Saħħa, Indafa u Ambjent

**59.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar is-sistema l-ġdida tal-l-iskart fuq bażi Reġjonali. Hu rringrazzja lil kullħadd tal-koperazzjoni u li issa jidher li ħlief għal xi problemi żgħar, is-sistema qed taħdem tajjeb.

## 59.17 Attivitajiet

**59.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet l-attività marbuta ma' Jum San Valentino li ser issir nhar l-14 ta' Frar 2023.

**59.17.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar l-attività tal-Karnival li ser issir is-Sibt 18 ta' Frar 2023 fil-17:30h. Hi qalet li ser titkellem maż-żewġ għaqdiet tal-baned biex jipparteċipaw fil-parata permezz ta' siegħa marċ bit-tema tal-Karnival. Se jkun hemm żewġ maskaruni wkoll u li ser tibda minn Misraħ Hamilkar u tispiċċa ħdejn l-iskola Primarja ta' Birżebbuga. Hemm se jkun hemm attività fis-Sala tal-Iskola u li tinkludi żfin, il-komiċi Joe Demicoli, Joe Farrugia (id-Dulli) u Veronica. Din l-attività ser tiġi tiswa madwar €2,800 u jista' jkun hemm xi *sponsors* għaliha. Il-Kunsilliera kollha preżenti kollha qablu ma' dan.

**59.17.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar il-mument ħażin ta' saħħa ta' waħda minn ulied il-Kunsilliera. Hawn hekk ilkoll awgurajna fejqan ta' malajr lil din it-tifla. Hi ħasset li għanda tingħaqad mar-residenti ta' Birżebbuġa biex bħala Kunsill Lokali jissapportja lil-kollega tagħna u t-tifla tagħha. Hi qalet li ġieha l-ħsieb li fl-10 ta' Frar issir attività li għaliha l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat diġa tkellem mas-Sindku ta' Marsaxlokk is-Sur Steven Grech fejn flimkien mal-lokalità ta' Marsaxlokk tipparteċipa wkoll f'mixja ta' solidarjetà *United for Ena Marie*. Hi żiedet tgħid li l-iskop warajha hu li jinġabru fondi biex ikunu ta' għajnuna għall-familja li għaddeja minn din il-problema u fejn min irrid jista' jagħti donazzjoni għal dan il-għan. Il-ħsieb hu li l-mixja tibda fid-9:30h minn ħdejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei Marsaxlokk u tispiċċa quddiem il-Knisja ta' San Pietru ta' Birżebbuġa. Wara ssir quddiesa fuq iz-zuntier jew fil-knisja.

*Bħalissa 19:30h u l-Kunsillier Johann Borg talab biex jiġi skuzat minħabba raġunijiet personali.*

## 59.18 Kultura, żgħażagħ u sport

**59.18.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ħa jkun ir-Reġjun Kulturali għas-sena 2023. Hu qal li l-Kunsillier Alex Caruana attenda għat-tneddija ta' dan l-avveniment u ser ikun hemm attivitajiet varjati fejn il-lokalita' tagħna bdiet bid-diskussjonijiet dwar diversi attivitajiet però s'issa għad ma hemm xejn konkluż.

**59.18.02** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li fit-tieni *weekend* ta' Frar ser ikun hemm ir-regatta tal-Birżebbuġa *Sailing Club*.

**59.18.03** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet *follow up* dwar il-proġett tat-*tennis court*. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-għada kien se jiltaqa' mal-Ministru l-Onor. Dr. Miriam Dalli u li kien ser iffakkara. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar fiex jidħol eżatt il-Ministeru ta' Onor. Dalli, u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kienu talbuha biex tagħmel dan it-*tennis court* fir-Recreation Park ta' Bengħajsa.

**59.18.04** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ġie avviċinat minn xi residenti fejn staqsewh dwar il-*fitness classes*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser issir laqgħa mal-Kappillan sabiex tissolva din il-kwistjoni. Il-Kappillan qed jitlob €20 għal kull sessjoni u flimkien mat-tindif u manutenzjoni tas-Sala Santa Rita għas-spejjeż tagħna. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li rċieva diversi lmenti minn uħud li jattendu dawn is-sessjonijiet li s-sala tal-Iskola Primarja hi waħda żgħira.

## 59.19 Affarijiet oħra

**59.19.01** Is-Sindku Scott Camilleri ġibed għal attenzjoni li ġie infurmat mir-residenti li jużaw id-*Day Center* li l-iskaluni tal-mezz tat-trasport huma għoljin ħafna. Il-Kuntrattur ġie infurmat u din il-problema ser tiġi indirizzata.

**59.19.02** Ġew diskussi is-*samples* tal-bnadar li kienu deċiżi fil-laqgħa preċidenti. Ġie deċiż li jinxtraw set tas-suf u set tas-satin u li wkoll jinxtraw erba' bnadar oħra żejda tal-Kunsill tas-satin. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**59.19.03** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar it-*tender* li ħabbar fuq il-mezzi soċjali d-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa Dr. Chris Fearne dwar il-berġa. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li din kienet *tender* dwar post temporarju sa kemm titlesta l-binja tal-berġa.

**59.19.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ħarġet bl-idea li tissemma triq għal ex-Kunsillier Joseph Baldacchino, li ħadem għal ħafna snin ġewwa l-Kunsill Lokali. Sar qbil li aktar 'l quddiem niddiskutu dwar x'inhu l-aħjar ħaġa li tissemma fil-lokal tagħna għalih.

**59.19.05** Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet jekk hemmx xi ħsieb li jsir xi ħaġa in konnessjoni ma' Birżebbuġa bħal ma sar Marsaxlokk bil-luzzu fejn it-*traffic lights* ta' Bir id-Deheb. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana irrispondew li qed jaħdmu fuq ir-*roundabout* ta' San Ġorġ u qed jiġi mfassal pjan għal din ir-*roundabout*. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm il-ħsieb li jkun hemm l-arma ta' Birżebbuġa, bil-water fall, dawl u l-*motto* ta' Birżebbuġa fuq wara. Hu issuġġerixxa li fuq it-traffic island li hemm fuq wara tar-*roundabout* isir arblu flimkien mal-istatwa li kien sar abbozz tagħha (li tinsab fl-uffiċju tal-Kunsill) fi żmien l-ex Sindku Joseph Farruga. Dan flimkien ma' terf artifiċjali u fjuri.

## 59.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**59.20.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:45h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2023, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |